Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/2077(INI)

20.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2023
(2023/2077(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Stéphanie Yon-Courtin

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2023
(2023/2077(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 101 sa 109 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-regoli, il-linji gwida, ir-riżoluzzjonijiet, il-konsultazzjonijiet pubbliċi, il-komunikazzjonijiet u d-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kompetizzjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2023 intitolat "Ir-Rapport tal-2022 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni" (COM(2023)0184) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2023)0076),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2022 dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2021[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-227/21[2],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 bit-titolu "Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja"[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-

[1] Testi adottati, P9_TA(2023)0227.
[2] Is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2022, *Ilumina, Inc.* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-227/21, ECLI:EU:T:2022:447.
[3] ĠU C 131 I, 24.3.2022, p. 1
[4] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[5] ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.

funzjonament tajjeb tas-suq intern[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat[7],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE[8],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2022 intitolata"Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija għall-2022"[9],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2023 intitolata "Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband"[10],

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-finijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2022 intitolat "Evalwazzjoni tar-regoli dwar is-sussidji mill-Istat għas-servizzi tas-saħħa u soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) u tar-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ" (SWD(2022)0388),

– wara li kkunsidra d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Settembru 2023, tal-pakkett ta' miżuri adottat fl-20 ta' April 2023, imfassal biex jissimplifika u jirrazzjonalizza l-proċeduri għar-reviżjoni ta' ċerti fużjonijiet li ma jqajmux tħassib dwar il-kompetizzjoni (C(2023)2400, C(2023)2401, C(2023)2402),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern[11],

– wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023 mogħti mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen[12],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2023 dwar id-deżinjazzjoni tal-gwardjani skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali,

– wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/914 tal-20 ta' April 2023 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi u li jħassar ir-Regolament tal-

[6] ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3.
[7] ĠU L 001, 4.1.2003, p. 1.
[8] ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18.
[9] ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1.
[10] ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1
[11] ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1.
[12] https://state-of-the-union.ec.europa.eu/index_mt

Kummissjoni (KE) Nru 802/2004[13],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ewropea konġunta dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tat-23 ta' Jannar 2023 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea[14],

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tal-4 ta' Lulju 2023 fil-Kawża C-252/21[15],

– wara li kkunsidra d-dokument intitolat "DG COMP Code of good practices for a transparent, inclusive, fast design and assessment of IPCEIs" (Kodiċi ta' prattiki tajba tad-DĠ COMP għal disinn u valutazzjoni trasparenti, inklużivi u aktar rapidi tal-IPCEIs) tas-17 ta' Mejju 2023[16],

– wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2004 dwar gwida informali relatata ma' kwistjonijiet ġodda li jikkonċernaw l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE li jinqalgħu f'każijiet individwali (ittri ta' gwida)[17],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Lulju 2023 intitolata "Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali"[18],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

A. billi l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE taqdi rwol importanti fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-kriżijiet, billi tistabbilixxi kundizzjonijiet ġusti biex tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u tipprovdi għażla akbar għall-konsumaturi;

B. billi l-politika tal-kompetizzjoni tista' tikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq intern, kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Kumpass Diġitali;

C. billi l-iskambju u l-kooperazzjoni internazzjonali huma essenzjali biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi globali u kompetittivi u biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika b'mod ikkoordinat;

Ir-rwol tal-kompetizzjoni u r-rispons ta' politika għall-gwerra fl-Ukrajna, l-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni u l-isfidi kontinwi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19

1. Jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-integrità tas-suq uniku; ifakkar li r-rispons

[13] ĠU L 119, 5.5.2023, p. 22
[14] ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1
[15] Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-4 ta' Lulju 2023, *Meta Platforms et al*, C-252/21, ECLI:EU:C:2015:537.
[16] https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2023-05/IPCEIs_DG_COMP_code_of_good_practices.pdf
[17] ĠU C 101, 27.4.2004, p. 78.
[18] ĠU C 259, 21.7.2023, p. 1

għall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni ma jridx ikun ibbażat biss fuq l-użu tal-għajnuna mill-Istat, iżda wkoll fuq qafas ta' kompetizzjoni mġedded, li jipprovdi ħeffa u flessibbiltà għall-kumpaniji li jinvestu u jikkompetu b'mod ġust fl-Ewropa;

2. Jieħu nota tal-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-kriżijiet (TCTF), kif ukoll tal-aġġornament tal-ġabra ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li tippermetti investimenti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jilqa' r-rieżami tal-2023 tat-TCTF biex tiġi introdotta l-"klawżola ta' tqabbil" u tiġi evitata tellieqa lejn is-sussidji;

3. Jisħaq li se jkun meħtieġ investiment pubbliku u privat addizzjonali biex jiġu indirizzati sfidi ġodda; jissottolinja li Fond Ewropew għas-Sovranità ffinanzjat minn flus ġodda addizzjonali se jindirizza l-frammentazzjoni tas-suq intern, jappoġġja l-istrateġija industrijali tal-UE, inaqqas id-dipendenzi kritiċi tagħna u jiżgura l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna;

4. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-fenomenu ta' "shrinkflation" u l-konsegwenzi tiegħu għas-swieq u l-benessri tal-konsumaturi;

5. Jissottolinja l-importanza tal-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) għall-finanzjament ta' proġetti transnazzjonali kbar u għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, iżda jiddeplora l-proċess u ż-żmien meħtieġ għax iqishom bħala piż żejjed għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe notifika titlesta sa mhux aktar tard minn sitt xhur;

Infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni u xejriet globali

6. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tniedi investigazzjoni kontra s-sussidji dwar il-vetturi elettriċi Ċiniżi; jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2022/2560 dwar is-sussidji barranin sabiex tiġi żgurata l-mitigazzjoni ta' effetti potenzjalment distorsivi fuq is-suq uniku; jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' riżorsi b'ħames ekwivalenti ta' inġaġġ full-time (FTE) biss fi ħdan il-Kummissjoni;

7. Jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-regoli tal-akkwist pubbliku biex tgħin fit-trawwim tal-industrija ekoloġika u diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-kriterji ta' sostenibbiltà u sovranità għar-regoli tal-akkwist pubbliku sabiex titrawwem il-produzzjoni ta' prodotti "magħmula fl-Ewropa";

8. Jissottolinja r-rwol ewlieni tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK); jistieden lill-Kummissjoni tistinka għal djalogu u kooperazzjoni kostruttivi kontinwi fil-livell internazzjonali; jissottolinja l-ħtieġa li tiżdied il-kollaborazzjoni bejn l-antitrust u regolaturi settorjali oħra, bħal dawk li jittrattaw il-privatezza tad-data, kemm biex jiġi ssorveljat l-użu ħażin tad-data korporattiva kif ukoll biex il-kumpaniji ma jitħallewx jużaw id-data tal-konsumatur biex jiksbu vantaġġ kompetittiv inġust;

Kontroll tal-għaqdiet

9. Jissottolinja l-importanza li l-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet, kontra "akkwiżizzjonijiet predatorji" li jridu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali;

10. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tirrevedi l-avviż tagħha dwar id-definizzjoni ta' "suq rilevanti" u jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi adottat approċċ aktar dinamiku u li titqies viżjoni aktar fit-tul li tinkludi d-dimensjoni globali u l-kompetizzjoni futura potenzjali;

Antitrust u kartelli

11. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta iktar miżuri interim biex titwaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel dannu serju lill-kompetizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' swieq dinamiċi u li jiżviluppaw b'rata mgħaġġla bħas-swieq diġitali;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċeduri tal-antitrust u tintroduċi limitu ta' żmien għall-każijiet tal-antitrust sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-regoli tal-UE; jissottolinja li Spotify ippreżentat ilment kontra Apple fl-2019 u li, minkejja li l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, s'issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni konkreta biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet ta' Apple, li jipprevjenu lill-iżviluppaturi tal-apps milli jikkomunikaw liberament mal-utenti tagħhom stess;

13. Jilqa' l-ftuħ ta' investigazzjoni formali dwar prattiki possibbilment antikompetittivi minn Microsoft fir-rigward ta' Teams; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-konċessjonijiet, offruti unilateralment mill-Microsoft, mal-impriżi involuti, sabiex tiżgura li dawn jindirizzaw it-tħassib tal-konsumaturi eżistenti, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà u pprezzar;

14. Jinsisti fuq rimedji effettivi li jirrikjedu koordinazzjoni akbar bejn l-infurzaturi u djalogu ulterjuri ma' partijiet terzi; ifakkar li impriżi li jinħatru bħala gwardjani kienu soġġetti għal deċiżjonijiet preċedenti dwar l-antitrust, li ma wasslux għal bidliet effettivi fl-imġiba; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni li tindirizza d-dominanza tas-suq permezz tas-separazzjoni strutturali;

Il-politika tal-kompetizzjoni fl-era diġitali

15. Jilqa' l-ħatra ta' sitt gwardjani għal 22 servizz ewlieni tal-pjattaforma skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali, kif ukoll l-erba' investigazzjonijiet tas-suq skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali;

16. Jilqa' l-investigazzjoni tas-suq dwar l-iMessage ta' Apple sabiex jiġi vvalutat ir-rwol tagħha bħala portal; jenfasizza l-inklużjoni prestabbilita ta' iMessage fuq l-apparati iOS kollha għal aktar minn 144 miljun utent; jisħaq fuq l-importanza tal-ismartphones bħala għodda personali u professjonali essenzjali; jenfasizza li s-suq tal-lum huwa ddominat minn żewġ sistemi operattivi, bis-servizzi ta' messaġġi mhux interoperabbli tagħhom stess, u li dan jillimita l-possibbiltà għall-utenti u n-negozji li jiċċaqalqu liberament minn ekosistema għal oħra;

17. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' fornituri tas-servizzi tal-cloud mil-lista tal-gwardjani, minkejja l-prattiki antikompetittivi dannużi enfasizzati mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali; jenfasizza li s-suq Ewropew tal-cloud huwa ddominat minn ftit atturi kbar ħafna; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-servizzi eliġibbli kollha jiġu ddeżinjati sabiex terġa' tinkiseb kompetizzjoni ġusta u ugwali fis-suq Ewropew tal-cloud;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti każ tal-gwardjani emerġenti fl-Intelliġenza Artifiċjali ġenerattiva skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali;

19. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koeżistenza effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni u l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura riżorsi u sinerġiji suffiċjenti, u tevita trikkib jew duplikazzjonijiet ta' strutturi u miżuri eżistenti;

20. Jenfasizza l-ħtiġijiet futuri ta' konnettività tal-UE f'termini ta' infrastruttura u investimenti; jitlob li jiġi stabbilit qafas ta' politika fejn ġeneraturi kbar tat-traffiku jikkontribwixxu b'mod ekwu għall-finanzjament adegwat tan-networks tat-telekomunikazzjoni mingħajr preġudizzju għan-newtralità tal-internet;

Involviment parlamentari

21. Jisħaq li l-Parlament għandu jaqdi rwol attiv fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni u jkun aktar involut fl-attività tal-gruppi ta' ħidma u tal-gruppi ta' esperti;

°

° °

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri.